# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**

*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**143.** **10 ta' G'UNJU 1911.** **IT-TIELET SENA**



FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'lgazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**


# IMSEJCHEN GHAUDEX!

---

Dina il gżira tant sabiħa u li ...'iż-żmienijiet il kodma chienet tant imfittxa u maħbuba minn cull min għammar f'daŭna il gżejjer barra m'il Cavalieri li żammeŭha bħala loc ta' esilju tinsab il-lum mifnija b'għacs l-actar cbir billi il Gvern li għandna jeŭ b'il liġijiet kliel li ħalak jeŭ billi ma jati l-ebda cas tagħha għoddu ġiebha b'id ŭara u l-cħra kuddiem fejn dari chienet imfaŭŭra b'cull ġid u b'cull risk.

L-industriji tagħha huma collha irvinati għal collox u ftit li xejn kiegħdin jakilgħu flus minnhom.

Nibdeŭ m'il bizzilli li dejjem chienu imfittxa minn cull-ħadd għall ġmiel cbir tagħhom u li min jaf chemm kalgħu liri il Għaŭdxin minn dana ix-xogħol li tant jinkalgħu għalih. Il-lum haŭn l-imitazjoni li trid tcun tifhem ħafna biex tista tagħrafha m'il bizzilla maħduma bl-idejn u billi dina hi maħduma b'il macna f'il ħin li hi sabiħa ħafna tkum ...isk ankas flus u għalhecc cullħadd kiegħed ifittex lilha biex b'hecc ijcun jista jiżżejjen b'nefka żgħira. Il Gvern jecc tasseŭ ried jipprotieġi dina l-industrija tant antica chien ijmissu joħlok dazju iebes ħafna fuk dina l-imitazjoni u m'hux ijħalli ix-xogħol ta'l barrani jidħol f'pajjisna biex jagħmel concorrenza hecc kalila l'ix-xogħol tagħna u b'hecc ijfakkarna. Chiecu jsir fukha dazju kaŭŭi b'mod li l-imitazjoni tiġi tkum daks dic maħduma bl-idejn chiecu ħadd ma sejjer ijcun hecc ibleħ li jixtri bl-istess prezz l-imitazjoni u ma jixtrix il vera bizzilla. Iżda il Gvern tagħna ma hux sejjer jokgħod ijħabbel rasu b'il bizzilla ta' Għaŭdex u ftit jimpurtah jecc f'dic il gżira hemm ir-risk jeŭ il għacs sa chemm ma jmorrux ijħabbtulu ŭara biebu. Barra minn dana smajt li inbagħtu bosta nisa Għaŭdxin l-Ingilterra biex jaħdmu u jgħallmu min jaħdem dina il bizzilla li hi tant imfittxa u imħallsa tajjeb m'il Ingliżi. Daŭna għamlu ħsara bla tarf għaliex b'hecc billi l'Ingliżi ...sibu dina il bizzilla ġo l-Ingilterra u billi dina meta tinħadem hemm stess ma tħallasx id-dazju kaŭŭi li hemm biex tidħol tiġi orħos ħafna minn dic li tmur minn haŭn u billi dina tħallas id-dazju u l-Ingliżi għandhom mela raġun li jfittxu dic li tinħadem f'pajjishom u m'hux dic li tinħadem f'Għaŭdex u frattant ix-xogħol ta'l Għaŭdxin jonkos dejjem u jiżdied il għacs f'il Gżira. Ta dana ma għandu l-ebda ħtija il Gvern iżda biss dac li ŭebbel lil daŭc in-nisa biex ijmorru jaħdmu hemm.

* * *

Industrija oħra li dari chienet tħalli ħafna kliegħ f'Għaŭdex chienet dic ta'l ġbejniet. Il-lum b'il-liġijiet ta's-Sanità ħorox li saru u b'il fama cerħa li ħadet il mogħża tagħna li f'ħalibha għandha il microbu ta'd deni dina l-industrija ŭakgħet nistgħu ingħidu f'ix-xejn għaliex il ġbejniet il-lum ma għadhom ijġibu xejn. U ta' dana għandu ħtija cbira il Gvern għaliex kabel ma jcun sgur li id-deni hu ġejj m'il ħalib ta'l mogħża ma chellu katt jitŭebbel b'daŭc il-liġijiet biex bihom tilef il ġid ta'l Gżejjer tagħna.

Dan l-aħħar chienet nibtet industrija oħra billi il Għaŭdxin huma nies bieżla u ħaŭtielin u minn haŭn jeŭ minn hemm jaraŭ chif jinfdu biex jakilgħu x'jieclu lokma ħobż imkar ta'l maħlut. Dina hi l-industrija ta'l imbit li bih b'il mod il mod chienu kiegħdin ijcheċċu dac ta' Barra u flusna chienu kiegħdin jibkgħu f'darna u m'hux ijmorru jħaxcnu bŭiet il barrani. Sa għaxar snin oħra Għaŭdex chien ijcun kiegħed jati tant imbit

li Malta ma chienx ijcollha l-ebda bżonn li iġġib katra ŭahda biss imbit u la minn Skallija u lankas m'il Greċja. Araŭ dana x'ġid chien ijfisser ghall gżejjer taghna u chemm chien jieħu ir-ruħ b'hecc Ghaŭdex. Iżda il ghafrid deftes denbu u b'il liġijiet li ghaddeŭ m'il Cunsill dina l-industrija sejjra tinkered ghal dejjem ghaliex ftit ijcunu daŭc li jcunu jistghu jifilħu ghall liġijiet ġodda li saru u b'hecc dic l-industrija tmut fuk ommha. U ta' dana ghandu ħafna ħtija il Gvern ħanin li ghandna ucoll ghaliex meta jara tinbet industrija f'daŭna il gżejjer ghandu jghinha u jipproteġiha u m'hux jara chif ijfixchilha sa tinkered.

Is-sajd ftit li xejn kieghed jatihom dina il ħabta ghaliex billi ġo'l frieg kaghdet katgha dniefel li ma hix ħlief tħarbat il cnaz u it-tartaruni ta's-sajjeda actar kieghdin ijcollhom ħsara milli risk.

Ħsara oħra cbira ghal Ghaŭdex huma il ħinijiet ta'l vapur u ta'l-lanċa, Ghaŭdex hu pajjis tant sabiħ, mimli b'tant poesija, li ma natx fejn ŭieħed jista jsib post aħjar ghall vileġġjatura, iġifieri biex ijmur jistriħ f'il qŭiet u m'hux biex ijmur jitchessaħ. Iżda bl-orarju li hemm ħadd ma jakbillu li jaħtar bħala loc ta'l vileġġjatura hemm ghaliex jinstaram u m'hux ftit. Dari meta chellhom orarju ieħor, chienu jmorru il mijiet passiġġata f'issajf sa Ghaŭdex ghaliex hi passeġġata sabiħa u irħisa tasseŭ; iżda il-lum billi la il-lanċa u lankas il vapur ma jatuc żmien biex tinżel tieħu grog b'il qŭiet l-art jeŭ titla san-Nadur jeŭ s'ar-Rabat tara żeŭġ t-iħbieb cullħadd kata u nhar ta' Ħadd ma tarax ruħ sejjra jeŭ ġejja minn Ghaŭdex ħlief min ijcollu x'jakdi xi facenda ghall bżonn. Din hi ħsara cbira m'hux biss ghall pajjis iżda ghall vapur u ghall lanċa ucoll u ma nafx ghala ma jirranġaŭx dina il praspura m'il actar fis ghaliex jakbillu cull ħadd u m'hux il Maltin kieghdin ijgerrxuhom minn hemm biex cull sold mfaddal li jcollhom kieghdin ijmorru jonfkuħ f'dar il barrani fi Skallija.

Daŭna il ħafna ħsarat flimchien ghoddhom fakkru Ghaŭdex ghal collox u ma tarax ma ŭiċċec ħlief nies jitolbu, u ma tarax ħlief nies sejjrin ijsiefru u ma tismax ħlief min jocrob miserja l-actar cbira.

Hemm bżonn li il Gvern jieħu ftit ħsieb Ghaŭdex m'il actar fis u jara x'jaghmel kabel ma il mard jidħol actar il ġeŭŭa ghaliex il mard ta'l miserja hu kalil ŭisk u hu actar aħrax m'il ġenn ghaliex il ġuħ kalil ijġieghlec taghmel collox.

Imsejchen Ghaŭdex, art ghammiela, art imfaŭŭra b'cull poesija ta'n-Natura, art fejn l-antichi missierijietna bneŭ tempji famusi u nisslu civiltà l-actar stmata, ja art ta' nies bieżlin, ghaklin u ħaŭtiela min sejjer ijcun dac li jerfghec ftit m'il ghacs kalil li ŭakajt fih?

L-eŭŭel it-Toroc ghamluc blata billi kerdulec ġensec u serkulec ġidec issa sejjra m'il ġdid issir b'il mod gożż ħrieb ieħor billi uliedec ijcollhom ijħalluc ħalli ijfittxu ħobżom f'art il barrani basta fuk iċ-«Città Vittorja» tieghec hemm tperper il glorjusa bandiera ta'l cbira u Invitta Gran Brettanja!

## FRAC.

M'ilux tchellimt fuk il fabbrica ta's-siment li hemm f'Ghaŭdex. Il-lum irrid inżid li il Gvern ħanin li ghandna f'loc li jkaŭŭi kalb dina l-industrija li nibtet f'il gżejjer taghna billi jghabbi b'taxxi il madumi ta's-sement li jiġu minn Skallija, ghabba lil fabbrichi Maltin b'taxxa fuk ir-ramel li jiġbru biex ijcunu jistghu jaghmlu daŭna il madumi. Tasseŭ li il Gvern li ghandna ma hux ħlief ijfittex ix-xaghra f'il ghaġina biex joħnok l-industriji taghna malli jitŭieldu f'loc li jincoraġġihom.

Scond iċ-Censiment il Ġdid li sar taħt it-trieġija ghaklija ta'l Onor: C. Pace Bardon f'it-2 ta' April li ghadda chien haŭn f'Malta u Ghaudex 228,442 ruħ, li minnhom 211,473 huma pajsani u il bkija suldati, baħrin u frustieri. F'Malta biss chien haŭn 188,819 pajsan u f'Ghaŭdex 22,654. Il poplu cotor 14·47 fl-elf f'il ħin li f'il ghaxar snin ta' kabel ma cotorx actar minn 11·94. Minn dana naraŭ li il poplu kieghed joctor dejjem f'il ħin li il kliegh nieżel u ghalhecc haŭn dana il ghacs cbir li beda jŭaġġa lil cullħadd. Mela Malta bakghet u saret iżjed l-actar post densament ippopolat ta'd-dinja billi lankas f'iċ-Ċina in-nies ma huma imgezz'zin bħal ma huma haŭn b'xi 1,800 ruħ cull mil qŭadrat.

★

Nhar il Ħadd f'it-18 ta' dana ix-xahar fl-Argotti sejjra issir Fiera b'il chif biex jiġbru xi ħaġa ta'l flus gha's-Società «Pro Infantia» li kieghda taghmel tant ġid f'il pajjis billi kieghda tghin ħafna biex jonkos il ghadd cbir ta'l meŭtijiet ta't-tfal b'mardijiet l-actar ħorox. Nitma li cull min jista jghin ruħu ghal dina il biċċa carità sabiħa ħalli tirnexxi chif hemm bżonn.

★

L-aħħar articolu li ġibt fuk l-Emigrazjoni intghoġob ħafna. Minn ittra oħra li ureŭna sirt naf li is-Sur Paŭlinu Caruana, bin is-Sinjura Carm ta'l *Crystal Palace*, sab f'New York impieg tajjeb ħafna fi drogerija li tbiegh la ngrossa. Huh, il ħabriechi u intelligenti Dun Ġorġ, dac il kassis esemplari li sata kaghad jitpaħpaħ u jitghażżen f'il ġid li ghandu, laħak Rettur f'il Cnisja «Our Lady of Mercy» ta' Brooklyn, New York u kieghed jaghmel ġid cbir lill erŭieħ. Dan l-aħħar chien mistieden f'Boston, belt m'il actar importanti ta'l America ta' Fuk, biex jaghmel conferenza fuk il Gżejjer Filippini fejn Dun Ġorġ ghix kalb is-salvaġġi ghal tliet snin sħaħ. Dina il conferenza damet ghal siegha u nofs u ŭera fiha ghal 75 stampa b'il lanterna magica u ghalhecc ġiet imfaħħra ŭisk. L-Iskof mar lakghu fl-istazjon, żammu f'daru, daŭŭru il belt bl-aŭtomobili u f'il ghaxija sa ħaduh it-teatru jara il «Carmen» ghaliex fl-America il kassisin jistghu jmorru it teatru. F'is-6 ta' Ġunju Dun Ġorġ chellu jtenni l-istess Conferenza fl-Accademja ta' New York u chellu jmur jisimghu sa'l Iskof ta' Brooklyn stess. Nifirħulu b'il kalb ghal dana it-trionf cbir tieghu li chiseb f'art barranija u li bih kieghed ijcattar ġieħu u gieħ pajjisu.

★

M'il istess ittra nieħdu li certu Paŭlu Camilleri li mar hemm ma ilhux: *last week he found a very good job in a Dock-Yard. N... il sending money to his mother. All the Maltese are at work again.* Minn dana naraŭ li il Maltin li huma kalbienin u ghandhom l-abbiltà meta jmorru fl-Istati Uniti m'hux biss jakilghu b'hiex ijgħixu iżda x'jibaghtu lill nieshom ucoll u l-unuri lil min tasseŭ ħakku ma jouksuhx. Daŭn ratti m'hux cliem.

★

Dac il Laus li ftit ġmieghi ilu ħarab minn ġo'l ħabs ta'l Belt bla ma ghadhom jafu chif ghad li fittxeŭh cullimchien ghadhom ma sabuhx! Hi ħaġa tasseŭ misterjusa tasseŭ chif sata joħroġ minn hemm ġeŭŭ!

# IL HILA TA'L MALTIN.

Nies felħana, nies kalbiena,
Nies li rażżnu il Misilmin,
Nies miġbuda lejn ġżirithom
Chienu dejjem il Maltin.

Bosta drabi f'nofs ta' baħar
Fuk ix-xŭieni kalgħu u taŭ,
U m'hux darba, trejn u tlieta
Ma' l-eghdeŭŭa tkabdu haŭ.

M'hux ghax Malti k'ed niftaħar
Lankas l-eŭŭel se ncun jien,
Le, minn dejjem ghal ħilithom
Ta' rġiel ħarġu cullimchien.

Billi 'l ħeġġa ta'x-xjuħ taghna
Chienet dejjem ŭaħda u cbira,
Chienu collha jċarcru demmhom
Biex jaraŭ rebbieħa 'l Gżira.

Ghodŭa ŭaħda ta'r-rebbiegha,
Chien ta' Mejju il jum tmintax
Geŭŭa 'l Birgu u ma'd-dŭar tieghu
Ghajr tneħid cont ma tismax.

Kam cullħadd xeŭŭiexa ŭaħda,
Ħadd ma stabar geŭŭa 'd-dar;
Nisa tixher, trabi tneŭŭaħ
U rġiel tiġri fuk is-sŭar.

Min ijsaksi, min jitchixxef
Min ijmieri lil ghajnejh;
Ma ried jemmen ħadd bl-eghdeŭŭa
Illi chienu rieska lejh.

Iżda fl-aħħar, malli stemghet
It-treghida ta'l canun,
Emmnu il coll, u ħejjeŭ ruħhom
Gha't takbida, jcun li jcun.

Bdeŭ ghajnuna lcoll jitolbu
Lil Cbir Alla ta's-smeŭŭiet;
Talbu l'Ommu, ftacru f'Paŭlu
U f'il klub tama trabbiet.

Hemm ilcoll bdiet kalb tiġihom;
U bl-imħabba mixghulin
Bħala sŭar ħejjeŭ sidirhom
Gha't-takbida ma'l chiefrin.

Niżlu it-Toroc, bdiet taktigħa:
Min fl-art jaka, min ijmut;
Damu hecc sa' ghaxiet Mejju,
Dac in-nhar li ġiè Dirghut.

M'iż-żeŭġ bnadi demm ixxerred;
Iżda taghna kalbiesin
Bdeŭ joħorġu fuk l-eghdeŭŭa
Minn fejn chienu maghlukin.

Chif Dirghut medd riġlu haŭna
Ghal Sant Jermu ŭera it-tir,
Ghax chif bdeŭ ix-xoghol sħabu,
Kal li xejn ma sata jsir.

L-aghda seŭŭa bdeŭ ijfakkghu
Fuk Sant Jermu bla ktigh xejn;
Iżda, msiechen, xejn ma sŭielhom
Ghajr taħbit cbir ta' jumejn.

Meta ir-rajjes ra d'il kaŭŭa
Żied canuni actar f'il krib
Minn tliet bnadi fuk Sant Jermu
Ħluk in-nar żiedu it-tŭaddib.

Minn Sant Anġlu bdeŭ b'ħa'x-xita
Balal nieżla f'Xiberras,
U il chefrin biex jincu 'l taghna
Bdeŭ ijŭaddbu ucoll xi ras.

L-Armirall Piali bla ŭidna;
Ħaġra darbet lil Dirghut;
Nhar San Ġŭann, Sant Jermu ittieħed
U Dirghut ftit ŭara jmut.

Ŭara ir-rebħa ta' Sant Jermu
Fukna 't-Toroc ħadu 'r-riħ,
Bdeŭ ix-xoghol ghal fuk l-Isla,
Lejl u nhar bla xejn mistrieħ.

Hin bla ŭakt it-Toroc fethu
Ghal fuk l-Isla l-akŭa nar,
Ŭakt li resku l'haŭn b'is-slielem
Uħud minnhom taħt is-sŭar.

Haŭn il ħila 'l ħadd ma nakset,
B'ħeġġa cbira nisa u xjuħ
Bdeŭ ijgħallu żiit ġo'l borom
Biex ghal fukħom ijsaŭŭbuħ.

Meta it-Toroc raŭ d'il ħila
Ħarbu dlonc u is-sŭar ħalleŭ,
Ŭara ftit b'nies akŭa ħarġu
U taħt l-Isla reġghu ġeŭ.

Bdeŭ ijgajjtu, jtambru, jsaffru,
Lil oħrajn li lemħu lhaŭ;
Imma daŭn minn fuk id-dghajjes
Ma setghux fl-art jittraccaŭ.

Hemm, x'cont tara? Min jinkaleb,
Min se'r jeghrek, min ijghum;
Daca jaħrab, l-ieħor jaka,
Dac jisteiken, jarġa jkum.

Ġeŭ gha't-tir seŭ ta' Sant' Anġlu
Mnejn ghal fukhom beda 'n-nar
Ŭakt li taghna m'as-suldati
Bdeŭ ucoll jŭaddbu 'ż-żrar.

Ferħ minn banda, gh'jat m'ill oħra,
Fuk l-elfejn Torc maktulin
Biċċa ħarbu, oħrajn midruba
Taghna bakghu rebbiħin.

Il Maltin damu f'd'il ħajja
Tliet xhur seŭŭa u ghoxrin jum,
Fl-aħħar bosta katghu kalbhom,
Riedu jerħu. Chemm iddum?

Imma l'ghaġeb cbir ta' Malta
Xhin ghall Isla reġghu ġeŭ
Nhar is-sebgha ta' Settembru
Ghal San Paŭl-il-Baħar ġreŭ.

Lill Ħat-Tard in-nar bdeŭ jatu
Kabel telku il Misilmin
U b'il ġebel sa ġol baħar
Ġreŭ ŭarajhom il Maltin.

B'is-Salib rebħu 'l-eghdeŭŭa
F'dan il jum ħutna il Maltin,
Jum ghażiż illi fieħ tŭieldet
Ommna u Omm Gesù il ħanin.

Jum ta'r-rebħ, ta'l ferħ u 'l hena:
Jum li ŭera t'Alla il ħniena:
Fiħ Marija il ghadu rebħet
U fiħ ħarbet minn'na il ħżiena.

E. C.

(*M'is-«Sebħ.»*) (*Dŭardu Cachia*)

# IL CURA TA'S-SAŨM

( *Tissocta minn numru ta' kabel.* )

Carrington ijcompli jghidilna li il microbi ta'l mardijiet ma humiex ghedeũna iżda ħbieb taghna billi jinsabu bl-eluf ta'l eluf f'il ġisem f'loc chenniesa biex jekirdu il ħmieġijiet li jcun fih billi jghixu fukhom. Mela f'dac il ġisem li ma fihx ħmieġijiet ġo fih ma jghixux microbi u fejn ma jcun hemmx daũna ma jinbetx mard. Mela jecc uieħed jokghod b'ghajnejh miftuħa biex b'saũma seũũa cull tant ijnaddaf daũna il ħafna ħmieġijiet li jingabru ma'l ichel f'il ġisem jista jokghod sgur li allavolja jgħum f'nofs il pesta ma jittieħedx. Il microbi biex ijghixu jridu jieclu xi ħaġa; dina ix-xi ħaġa ma tistax tcun id-demm u il-laħam tajjeb ghaliex chiecu ilhom li chieluna b'collox bla ma chien ijcun hemm l-ebda raġuni ghala nezistu; mela la l-ichel taghhom hu dac li jiscarta il ġisem jccc ta' cull darba infittxu nisbarazzauh il barra billi nsumu il microbi ma jcollomx fuk hix ijghixu fina u malli jidħlu jmutu. Il microbi ta' cull marda huma dejjem fina iżda sa chemm il ġisem hu b'saħħtu ma jaghmlulu xejn; malli dana jintela b'il ħmieġijiet u ma jcunx jiflaħ jaħdem chemm jinħtieġ contra taghhom daũna jaghilbuh u b'it-*tossini* (veleni) li jerħu minn ġisimhom jivvalenaũlu demmu sa joktluh: u dana f'il ghama tieghu jcompli jiecol biex actar jatihom ħmieġijiet fuk hix jitbaghirdu u jieħu il medicini biex actar ijħeddel u jfixchel il ġisem f'it-takbida kalila contra taghhom. Mela araũ x'tieclu u saffu il ħmieġijiet spiss b'is-saũm u mardijiet ma tieħdux.

* * *

Mela jecc irridu tasseũ inghixu b saħħitna u meta nimirdu infieku fl-aksar żmien li jista jcun ma ghandniex ghax infittxu titbib u duũa iżda nimxu biss fuk dac li tghallimna in-Natura. Ħarsu lejn l-annimali, u l-actar ta'l barr (salvaġġi) u araũ il daũna xi tghidilhom jaghmlu in-Natura biex ijfieku meta jcunu morda. Daũna ma ghandhomx u la tobba u lankas medicini u gha'd-debbus ta' dana jfieku u jghixu b saħħithom actar minn'na. Daũna meta jimirdu jistrieħu, jorkdu, jixorbu ħafna ilma, jokoghdu f'ix-xemx u JSUMU DEJJEM. Tafu b'annimali li damu xahar sħiħ bla ma trejjku u b'hecc fieku. Nitghallmu mela ftit minnhom li infittxu dejjem daũc it-torok ta's-saħħa li tnebbaħna bihom in-Natura. Malli jħossna ħażin l-istoncu jmut chif inghidu aħna. Dan x'ijfisser ħlief li in-Natura biex tfejjkec ma tridecx tiecol ? Mela obdiha ghall ġid tieghec.

U daũna ma humiex ħolm ta'l cctba u ta'l irjus sħan iżda ħũejjeġ imġarrba ghad li ghadhom ma ixxerrdux f'pajjisna. Dr: Trall, f'New York, ghal ħmistax il sena sħaħ katt ma chiteb duũa ũaħda biss u iccura l-actar mardijiet coroħ bla ma mietlu ħadd f'idejh; u fi Grafenburg fejn hemm stabilment gha'l daũn il curi ta'n-Natura fuk 7,500 ruħ li marru f'ghoxrin sena ma mietux ħlief disgha u tlietin biss !

Nimxu mela f'il ħajja, f'collox bl-acbar semplicità u inghixu m'hux biss dejjem b'saħħitna iżda ħienja ucoll ghaliex min ghandu saħħtu ghandu collox.

* * *

Iżda jccc daũc il ħũejjeġ collha li semmejna huma tajjbin gha's-saħħa il ħajja ma tistax teżisti bla ichel u ũara li jsum uieħed ijrid jiecol. Biss liema hu l-ichel l-actar scond in-Natura biex ijghix bih il bniedem billi m'hux l-iclijiet collha jghoddu ghalih xorta ũaħda ?

( *Tissocta* )

# PADRE MAESTRO SANTO GRECH

5. *Andando il Pre: Maestro Santo a passaggio in contrada di Monteferrato s'imbatte nel fondo allora di Franco: la Monica zio del nostro Fra Rosario, ove trebbiavano fabbe le quali venivano, piccole, avvermate e poche. Lagnatosene la Monica col nostro Santo, egli si mise con faccia allegra, e dopo aver osservato un pugno di fabbe, nella propria mano, gli disse: « Vi basta che faccino dieci salme 3 (quantità abbondantissima per colui) se più; darete il resto in elemosina alla Madonna,» ed avutane dal contadino l'affermativa, al solito le benedisse e andò via. L'indomani nettarono le fabbe, si rinvennero di ottima qualità, e se ne ottenne il prodotto di Salme dieci, e tumoli di più i quali tumoli, di più furono dati fedelmente in elemosina per la Madonna, giusta la parola.*

6. *Angelo Liccio aveva due asine lebbrose, coricate vicino alla croce del piano della Purchialora fuor delle mura della Città. Passando di là il nostro divoto Padre, le fece alzare, e quelle alla di lui voce alzandosi si andarono ad appoggiare al muro che quivi sostiene la croce, e raspandosi allo stesso muro, tutte vi insanguinarono. Il Liccio se ne lagnò, borbottando contro il Servo di Dio, e questi fattale al suo solito il segno della S. Croce, in un subito apparvero monde, e vestite di nuovo pelo, e il Liccio allora messole innanzi, andò a casa lieto dall'ottenuto miracolo.*

7. *Un divoto sollennizzò uno dei sabati di Maria SSma. del Rosario a sue spese, a petizione del nostro servo di Dio, con abbondanza di ceri, ed il nostro Pre vi predicava. Alla fine pesata la cera per vederne il consumo, si trovò dello stesso peso di prima, cioè senza nessun pochissimo consumo. Questi tre prodigj di numero 5, 6 e 7 li abbiamo da testimonj di udito.*

8. *Dai Sigri: suddetti testimonj ci si narra, qualmente, fu inarrivabile la sua carità unita a prodigj, specialmente verso le donne partorienti. Il testimonio Licata con tutta verità attesta, che tenendo il Pre: Santo delle cioccolatte in ogni tempo, e dandone ad ogni qual sorta di persone che glielo domandava, si vide che tutti gli infermi che mangiavano ricuperavano più presto la Sanità, specialmente le partorienti ne ricavavano notevolissimo vantaggio.*

9. *Stando prossima a morte la vecchia Madre del sopra notato testimonio Dn: Franco: Licata, appetè cioccolatte. Il figlio dopo d'aver girato da vari amici, onde procurarle, e non avendone trovato da nessuno, si portò dal suo Santo Maestro Grech a domandarlo. Era presso alle ore tre della sera, suonato quindi il campanello della porteria del Convento, scese giù personalmente secondo era suo costume, il Pre: Vicario Priore Santo, ed intese la sollecita preghiera del suo discepolo, aprì l'uscio, e l'accolse amorevolmente, e condusselo, alla sua cella. Licata trovò in Cella che il suo Santo Maestro stava lavorando pastorini da presepio, e in qual punto era al lavoro di due tori, uno dei quali col sinistro corno raspavasi la spalla, nel punto medesimo che entravano in cella, ed il discepolo, si sedette, stava per ismorzarsi il lumicino della stanza per cui il divoto Pre: fatta fare breve posa al venuto, prese la misura di latta coll'olio e posela prima a terra per rimuovere non so che cosa di sopra il tavolino. Ma il demonio che mai riposa e sempre briga, principalmente contro la condotta dei Santi Servi del Signore, operò che egli stesso, il Santo uomo, inciampò col piede nella misura, e l'olio cominciò a versarsi, e Santo legatosi le braccia a croce sul petto, contemplò in silenzio quella versata dell'olio fintanto che versossi tutto. Alla fine si accostò al capo del letticciuolo, ove teneva appesa anche un'immagine della SSma: Vergine, ed esclamò dolcemente «Sancta Maria, Sancta Maria» indi prese un po' di bambagia, e piegatosi in ginocchio con tutta pacienza si mise a raccogliere l'olio versato, nè permettendosi di raccoglierlo il discepolo e così insuppando quella spugnetta di bambagia e spremendo nella suddetta misura non solamente a poco a poco lo raccolse tutto nuovamente, ma ne riempì la stessa misura miracolosamente, che prima non era piena dell'olio, e lasciò il suolo perfettamente asciutto, come se quell'olio, non vi fosse mai caduto.*

( *Tissocta* ).

# IS-SAĦĦAR FALZUN.

*( Jissocta minn numru ta' kabel. )*

«Nard int actarx krajt li fl-1453, iġifieri disgħa u tlietin sena kabel ma is-Sultan ta'l Mori, Bcabdilla el Chico ħareġ mirbuħ minn Granada, il Calif Mħammet it-Tieni chien lill Insara ħadilhom Bisanzju u f'loc is-Salib li elf, mija u ħamsa u għoxrin sena kabel chien ùakkaf hemm il cbir Costantinu, bin Santa Liena, tùakkaf il misħut Nofs-kamar u il famusa cnisja ta' Santa Sofija tbiddlet f'moschea ta' Maħmettu. Għaldakstant meta l-Andalusja ùakgħet f'idejn *Los Reyes Catolicos* Ferdinandu t'Aragona u Isabella il ferħ ta'l Insara collha chien bla tarf għaliex b'hecc chienu ġeù patteù lill Misilmin il ħarxa telfa ta' Bisanzju. Iżda chienet ferħa bla temma tasseù għaliex chien ijcun ùisk aħjar għalina l-Insara chiecu ħallejnihom għall xogħolhom fi Spanja jgħallmu il għerf u jaħdmu l-art milli tfajnihom fuk il baħar biex b dan ġiegħilnihom ijsiru cursari u jġegħluna inġarrbu dic il ħsara tant cbira u dic il beżgħa li tant tchexchex billi ma tismax ħlief fuk fomm l-ommijiet tagħna biex ijżommu ġùejjdin l-uliedhom: « *Ara ġejj Dragutt* » « *Ara ùasal Barbarossa* » u fuk xofftejna bħala l-akkal dagħùa: « *Narra ix-xùieni iġġorroc, narra it-Toroc tieħdoc, narrac taħt is-saùt ta'l arguzini* » u x'naf jien. Tasseù li aħna l-Insara ħlisna m'il kattara biex ùieħilna f'miżjeb ùisk agħar.

«Nard, barra minn dan irridu inżidu ucoll li aħna l-Insara bejnietna katt ma għarafna, imħabba f'il misħuta għejra ta' xulxin, ningħakdu għalenija, għaliex chiecu Spanja, Franza, Genùa, Venezja u il Papiet b'is-setgħa tagħhom ftiehmu f'kalb ùaħda, ingħakdu kakotxa u ħabtu għal daùn il misħuta ta' Cursari chif chienu għadhom jinbtu chienu jekirduhom sgur sa'l ankas ùieħed. Iżda m'hux ta' dana Genùa u Venezja tħabb'bu magħhom u din ta'l aħħar, fl-1454, daħlet ma' Gran Sinjur f'il ftehim b'għajb cbir ta't-tùemmin u ta'l ġiħ nisrani tagħna !

«Dana ġiegħel lil Cursari li jrabbu il għalla u jisserdku chemm jifilħu u b'hecc dac il cummerċ cbir li chienu għarfu jcabbru u jseddku ma'd-dinja collha Genùa, Venezja u Barcellona b'il ftit il ftit beda jnin u jitnakkar sa chemm fl-aħħar m'il aħħar safa f'ix-xejn. Mela, Nard, il fehma tiegħi hi din li jecc il Cursari ħakruna u megħculna geddumna chemm felħu ma'l art il ħtija collha hi tagħna l-Insara għaliex aħna conna li ùakkajna il ġebla fuk sakajna biex dar b'rasna bl-icreħ !

«Ùieħed m'il eùùel Cursari li beda jħabbat l-Insara chien il kalbieni Curtogali. Jiena ma ilħaktux għaliex cont għadni daks nitfa iżda cont nisma ix-xjuħ ta'x-xùieni jitħaddtu fuku u jistagħġbu b'il ħila cbira tiegħu. Dana chien bejjet f'Bizerta, li f'dac iż-żmien chienet taħt il ħacma ta' Għabdallah Moħammed, u minn hemm beda dakka jaħbat għal Skallija u oħra għal Spanja u jcarcar dejjem il prejjeż. Billi lil Genùa beda jħassrilha il cummerċ collu ħabtet għal Biżerta u ħaditha taħt idejha, iżda Curtagoli chien laħak għasfar b'ix-xùieni tiegħu u biex jinchi lil Insara, akta x'ħa għamel, Nard? Resak fuk Ostja, il port ta' Ruma, u għal ftit ma carcarx irsir lil Papa li inżerta kiegħed jippassiġġa fuk ix-xatt ! ! Meta imbagħad il Cavalieri tilfu Rodi fl-1522, dana Curtogoli laħak Ħachem ta' dic il Gżira u miet hemm.

«Ùarajh laħku l-aħùa Uruġ u Khiżr Barbarossa ii isimhom biss chien sar ijchexchex l-Eùropa collha b'il biża. Daùna chienu imlakkmin hecc għaliex chellhom il-leħja ħamra. Għad li chienu l-acbar żeùġ għedeùùa tagħna l-Insara u għamlulna ħsara bla kies ġo demmhom iżda ma chienx hemm katra ùaħda biss imnissla m'il Musulmani. Missierhom chien actarx albanis jeù rumiljan iżda ċaħad din'na għal dac ta' Maùmettu u chien baħri m'il aħjar. Meta cheċċeùh minn Costantinopli mar f'il Gżira ta' Metileni fejn iżżeùùeġ armla nisranija li chien jisimha Catalina u li minnha chellu daùna iż-żeùġ t'aħùa Barbarossa li semmejtlec. Billi bin is-sengħa għandu nofsha daùna ħatru it-triek ta'l baħar bħal missierhom u irnexxielu ùisk chif sejjer ingħidlec. Uruġ chien kalil u aħrax u malli jitùebbel b'ħaġa jrid jagħmilha dlonc, Khiżr chien jilħaklu actar u jkis mitt darba kabel ma jakta ħaġa. Uruġ ra chif chiseb xini żgħira u mar biha f'ħalk il-lupu seùùa billi mar jagħmilha ta' cursar f'il krib ta' Rodi. « *Il Concezione* » ta'l Cavalieri lemħitu, għamlet għaliħ u ùara ħafna taħbit kabdet ix-xini taħt idejha u rabtet l-Uruġ biex jakdef bħala rsir. Iżda dana ra chif għamel, ħall l-irbit, u kabeż il baħar u ùasal kaùùi sħiħ l-art. Mar l-Eġittu u daħal fuk xini cursara oħra li marret tbaħħar ucoll lejn Rodi u ùakgħet ucoll taħt id-dùieler ta' xini minn ta'l Ordni. Uruġ raġa kabad l-art b'il għaùn u ħeles m'il jasar għa't-tieni darba Khorduk, Sultan ta'l Caramanja, u ħu il Gran Sinjur Selim imgħaġġeb b'il ħila tiegħu irħielu xini f'idejh u dina id-darba ma iżżarġanx li jarġa jersak taħt snien il Cavalieri. L-eùùel ma resak chien lejn l-Egittu u beda f'is-sajf u il ħarifa joħroġ għal ħtif u jakbad taħt idejh cull ma jaka taħt snienu. Ùara dabbar rasu f'Ġirba billi minn hemm chien ùisk actar jista jaħtaf birgantini insara. Dina żmien kabel chienet f'idejn l-Ispanjoli iżda ma'ż-żmien ftit ħabblu rashom biha sa żdinġaùha għal collox. Haùn ħuħ Khiżr, ingħakad miegħu u b'il għakal cbir ta' dana ix-xogħol beda miexi ħafna aħjar. Daħlu sħab ma's-Sultan ta' Tunes u dana tahom dakka ta' id seùùa, u f'd'il ħabta il Gran Sinjur ta'lil Khiżr il-lakam ta' «*Kejr id-Din*» iġifieri «Dac li jħares it tùemmin ta' Maùmettu.» Mischin hu min beda jaka taħt difrejhom għaliex chien jara il kamar f'il bir sgur. Fost l-oħrajn ùeħlet «*Ix-Xini ta' Napli*» li chellha fukha xi tliet mitt ruħ. L-aħùa Barbarossa ma' Hasan Alì ħabtu għaliha bi tliet xùieni minn tliet bnadi u għad li f'il għaxija chienet minn fuk tagħna l-agħda f'il għodu, f'takbida l-actar ħarxa, daùc li chien fadal chellhom jatu irùieħhom b'mirbuħa. Carcruhom ġo Tunes b'ix-xini b'collox, u billi fukha chien hemm bosta nisa għażlu l-isbaħ għal ħaremijiet tagħhom. L-irsiera għaddeùhom ma't-torok bħal processjoni u milli biegħu dabbru chemxa flus sbejjħa tasseù. Iżda Uruġ ma bakax b'xejn għaliex ùakt it-takbida tagħna darbuh tant bl-icreħ li dam xhur sħaħ, imsammar ġo kiegħ ta' sodda, jilgħabha bejn il meùt u il ħajja, kabel ma chien jiflaħ li jarġa jati ruħu għall baħar. Malli tjieb ried li jcollu port u belt għalih u għalhecc għajnu għocritu għal Buġija. Ħabat għaliha bi ftit nies u il Captan spanjol Pedro de Navarro, li chien ijħarisha, lakgħu b'ir-raġel b'mod li m'hux biss ġegħlu jarġa l-ura iżda li chellhom jaktgħulu driegħu billi tagħna tertkuhulu b'balla milli sparaùlu fuku. Chien għadu lankas fiek seùùa li ma tafax għajnejh fuk il port ta' Ġigelli u il Khiżr dina ix-xeùka għoġbitu ħafna biex ma jcomplux ijħallsu il ħaraġ jebes li chien kiegħed jisolħilhom is-Sultan ta' Tunes. Iżda d'id-darba indaħal Khiżr u mexxa il biċċa actar b'id-deħen. Beda biex xeùùex lil bidùin ta'l campanja u ùiegħidhom li cull ma chien hemm jaksmuh bejniethom. Niżlu ma'l għoxrin elf ruħ bħal driebes imgeùùħa u daùùru minnufih il borġ kaùùi li chien hemm u li chienu jħarsuh ħames mitt ġinùis. L-aħùa Barbarossa ħabtu għalihom minn naħħa ta'l baħar b'ix-xùieni tagħhom. Tagħna żammeù jebes għal xi żmien iżda meta raù li ma ùaslitilhom l-ebda għajnuna u li nakashom l-ickel ùaħħluha f'rashom li għandhom joħorġu jotorkuhom u jaraù, meùt b'meùt, jecc jistgħux jaħirbu. Hecc għamlu daùc il kalbiena iżda geù mekruda sa'l ankas

## DIFFIDA.

Billi sirt naf illi persuna ftit onesta fil uakt li kieghda tab-busa mil fiducia illi bid-dritt collu kieghda tgaŭdi id-ditta tieghi, kieghda tghid illi dar ohra hija li stess dar tieghi, ghandi ghalhecc niddichiara illi jiena m'hiniex responsabbli tal consenja regolari tat-titoli, tal pagamenti tal premji bollettini u ta cull contestazioni illi tista tinkala hlief ghal contratti u ricevuti illi igibu il firma tieghi C. BORNACCINI.

Navza barra minn dan illi il prezzijiet ghat-titoli b'pagamenti ta hames xelini huma:—

| | | |
|---|---|---|
| HUNGARIAN FONCIER | £ 8 10 0. | cull titolu |
| PANAMA | 8 0 0 | ,, |
| CONGO | 6 0 0 | ,, |

Ghalhecc daŭc il clienti illi jixtieku jacqŭistaŭ xi titolu tad-ditta tieghi huma mitlubin li jirrifiŭtaŭ cull cuntratt o hŭejjeġ ohra illi ma jġibux il firma tieghi.

Kabel tiffirmaŭ kiesu li tcunu tafu tajjeb ma min tcunu sejjrin tittrattaŭ, chif ucoll informaŭ ruhcom fuk dac li ghandcom thallsu, biex imbaghad ma tiġu fl-ebda imbarazz. Cull informazioni o hŭejjeġ ohra ma ghandcomx tohdukom hlief minn ghand

C. BORNACCINI, 87, Strada Forni, Valletta.

## SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso javża lill clientela tieghu li biex ijcun jista jakdiha ahjar minn Rahal Ġdid niżel jokghod il Belt, fil Strada Stretta Nu. 156, cantuniera ma' Strada San Giovanni u fejn hu armat b'cull xorta ta' ghodda moderni u m'il ahjar biex ijcun jista jaghmel bridge u crown work, u xoghol fuk il metal chif ijmiss u bi prezzijiet moderati tasseŭ.**

Min ijrid jicri forn il Belt, f'it-Tombata ta'l Mandraġġ, Nri. 142 u 143, ijmur ghand Censu Muscat b'il hanut f'id-numri 144 u 145 fejn hemm l'imfietah u iehed jista jittiehem ucoll fuk il chera.

*Sejjer johrog' ma jdumx!*

AGOSTINO LEVANZIN

# IL CURA TA'S-SAUM

Ctieb interessanti tasseu li minnu tit-ghallmu chif taghmlu dina il cura, chif ticsruha, chif tfejjku biha hafna mardijiet u liema g'id tista taghmel u liema huma il pericoli ghal min ma jaghmilhiex seuua; x'hassejna ahna g'urnata b'g'urnata u hafna huejjeg' ohra li meta uiehed jakrahom jistghu jisueulu uisk ghal g'id ta' sahhtu. Il ctieb ijcun stampat fuk carta m'il ahjar u ijcun fih bosta stampi fosthom dauc ta's-Sur Levanzin chif chien sar fl-40 jum ta's-sauma tieghu. **Ijkum tmien soldi biss.** Ghall bejgh **xelin.** Tistghu tissiehbu b'ittra.

# TÈ TA CEYLON 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

**JINBIEGH 1s. 8d. & 1s. 10d. IR-RATAL**

GHAND L'AGENTI F'MALTA

# C. CAMILLERI & SONS

**50 u 51 Strada Mercanti il Belt**

CAMPJUNI TA DAN IT-TE' JINTGHATAU B'XEJN.

# BRITANNIA

STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Għodod, Ħuejjeg ta' Chimica u Fotografija, Żebgħa, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

INJAM

**ta'l aħmar, ta'l abjat, u ta'l caŭba.**

**Collox m'il irħas u m'il aħjar.**

BRITANNIA

Biex tinżammu b'saħħitcom

# IPPURIFICAU

# BIDDLU

# u SAĦĦ'HU

DEMMCOM

BID

# DEPURATIV RICHELET

Daŭc collha li jridu jiccuraŭ ruħħom u jinżammu dejjem b'saħħitom minngħajr ma jinħakru b'cull xorta ta' mardijiet għandhom jieħdu DARBTEJN jeŭ TLIETA fis-sena minn din il medicina DEPURATIV RICHELET li jista jingieb minn għand dan is-sinjur:—

Monsieur L. RICHELET, 13, rue Gambetta, SEDAN (Franza).

Haŭn Malta jinxtara minn għand **L-Ispizzjar Alfredu Cumbo** ta' Strada Rjali, 26. Il Belt.



Min hu marid bl-ANEMIJA (faķar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu



**L'ELIXIR**

# TA' S. VINCENS DE PAOLI

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.



# Is=Sur Raff: Bonello

TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)

għandu għal bejħ cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħŭejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tŭiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daŭl kaŭŭi u sabiħ ŭisk u ħafna ħŭejjeġ oħra bħal daŭn ta'l aħjar qŭalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaŭ biex taraŭ chif toħorġu cuntenti sgur.



# L=Ispizzjar A. CUMBO,

BILLI IL CLIENTELA TIEGHU KIEGHDA TIGBER CULL MA TMUR GHALIEX M'HUX BISS IJBIEGH MEDICINI U ĦŬEJJEĠ OHRA M'IL AĦJAR U B'REKKA CBIRA IŻDA UCOLL BI PREZZIJIET IRĦAS TASSEŬ, CABBAR L-ISPIŻŻERIJA TIEGHU U ĦADHA **F'IL ĦANUT TA' ĦDEJH SEUUA** LI HU ŬISK ACBAR U ISBAĦ U B'HECC IJCUN JISTA JAKDI AĦJAR U B'ACTAR ĦEFFA LIL BOSTA NIES LI DEJJEM IJCOLLU FL-ISPIŻŻERIJA TIEGHU. META TGHADDU MINN HEMM MORRU ATU DAKKA TA' GHAJN, **Strada Rjali, il Belt, kuddiem il Club seuua**.



# IS=SECLU TA'N=NERVI.

Hecc sejjaħ is=seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il=lum ma haŭn ħadd li ma hux maħsus b'in=nervi u l=actar b'il misħuta

NEVRASTENIJA

li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seŭŭa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Ħafna ippruvaŭ iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar

Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

li ŭara studju cbir sab il famus

ANTINEVROTICU

li kiegħed ijfejjak jeŭ jagħmel il gid lil cull min jużah.

F'Malta dan ijbigħu

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

¡IPPRUVAĦ GHALIEX MA JIBDIELCOMX!


In-"Naħla" tistampa ruħha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien, il Furjana.